MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 153/2005

**Bitmac Limited**

**vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin, u tmienja u hamsin centezmu, (LM3,754.58,0), ammont rapprezentanti valur ta' xoghol ta' scarifying u resurfacing ezegwit fuq inkarigu tieghu mis-socjeta' attrici f'Naxxar Road gewwa San Gwann, Malta;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata is-26 ta' Gunju tas-sena 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kontestwalment prezenat kif ukoll l-imghax legali konteggjat mis-26 ta' Gunju tas-sena 2003 sal-jum ta' l-effettiv pagament, fil-konfront tal-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizjoni tieghu;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-30 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------